listed equities: Equity exposures through the use of derivatives and other sophisticated structures to take strategic positions or hedge exposures in companies or industries.

joint venture projects: Opportunistic joint investments with due regard for risk.

iii) Proprjetà: Din hija suddiviża f'erba' klassi ta' assi: (i) il-bini, ii) il-lukandi, iii) il-ħin liberu u iv) bejgħ speċifiku.

4. IHI ġiet inkorporata f'Marzu 2000 u ġiet ikkwotata fuq il-Borża ta' Malta. Hija tmexxi l-kummerċ ta' kumpannija ta' investimenti b'konnessjoni mal-proprjetà, żvilupp u operazzjoni ta' lukandi, faċilitajiet għall-ħin liberu u attivitajiet oħra relatati ma' l-industrija tat-turiżmu. IHI għandha numru ta' investimenti f'kumpanniji sussidjarji u assoċjati. Minn Marzu 2000, IHI akkwistat u żviluppat lukandi ta' ħames stilel f'Malta (il-Corinthia San Gorg Hotel), St. Petersburg (il-Corinthia Nevskij Palace Hotel u sit ta' żvilupp adjaċenti), Budapest (il-Corinthia Grand Hotel Royal) u Lisbona (il-Corinthia Lisboa Hotel), u magħhom qed jiżdiedu l-lukandi fi Tripli (il-Corinthia Bab Africa Hotel and Commercial Centre) u Praga (il-Corinthia Towers Hotel), apparti mill-akkwisti antiċipati ġodda fix-xhur li ġejjin. Riċentement IHI żiedet ukoll l-ishma tagħha f'CHI Limited, kumpannija ta' ġestjoni ta' lukandi, sa 70%, bir-rimanenti 30% akkwistati minn Wyndham Hotels Group International Inc. Ta' l-Istati Uniti.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

5. L-operazzjoni notifikata li permezz tagħha l-Partijiet li qed jinnotifikaw huma marbutin bi ftehim li jipprovdi li Istithmar takkwista kontroll konġunt ta' IHI hija konċentrazzjoni skond id-definizzjoni tar-Regolament 2(d)(ii) tar-Regolament ta' l-2002 dwar Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

6. Ir-Regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

7. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll konġunt minn Istithmar Hotels ta' IHI permezz ta' kuntratt.

Limitu għan-Notifika

8. Il-fatturat totali tal-partijiet ikkonċernati fis-sena finanzjarja preċedenti jeċċedi dak stipulat fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

Proċedura Simplifikata

9. Wara l-eżami tan-notifika, id-Direttur ikkonkluda li l-konċentrazzjoni nnotifikata taqa' taħt l-iskop tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet u tar-regolament 12(1)(ii) tiegħu li jipprovdi li:

iii) real estate: This is sub-divided into four asset classes: (i) buildings, ii) hotels, iii) leisure and iv) retail.

4. IHI was incorporated in March 2000 and is listed on the Malta Stock Exchange. It carries on the business of an investment company in connection with the ownership, development and operation of hotels, leisure facilities and other activities related to the tourism industry. IHI holds a number of investments in subsidiary and associated companies. Since March 2000, IHI has acquired and developed five star hotels in Malta (the Corinthia San Gorg Hotel), St. Petersburg (the Corinthia Nevskij Palace Hotel and an adjoining development site), Budapest (the Corinthia Grand Hotel Royal) and Lisbon (the Corinthia Lisboa Hotel), to which are being added the hotels in Tripoli (the Corinthia Bab Africa Hotel and Commercial Centre) and Prague (the Corinthia Towers Hotel), besides anticipated new acquisitions over the coming months. IHI has also recently, increased its shareholding in CHI Limited, a hotel management company, up to 70%, with the remaining 30% acquired by the Wyndham Hotels Group International Inc. of the United States.

Notifiable Concentration

5. The notified operation whereby the Notifying Parties are engaged in an agreement providing Istithmar with the acquisition of joint control of IHI, is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations, 2002.

6. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

7. In this case, the proposed concentration is the acquisition of joint control by Istithmar Hotels of IHI by means of a contract.

Threshold for Notification

8. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Simplified Procedure

9. After examination of the notification, the Director has concluded that the notified concentration falls within the scope of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 and of regulation 12(1)(ii) thereof whereby it is provided that:

"Il-proċedura simplifikata għandha tkun tapplika għal dawn il-kategoriji ta' konċentrazzjonijiet li ġejjin li jitqiesu li ma jqajjmux dubji serji dwar il-legalità tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba d-Direttur f'każijiet eċċezzjonali u minħabba li l-kondizzjonijiet ekonomiċi li jappartjenu għas-suq u għall-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunx iqis xort'oħra:

(ii) meta żewġ intrapriżi jew aktar jamalgamaw, jew intrapriża waħda jew aktar takkwista kontroll uniku jew konġunt ta' xi intrapriża oħra, iżda ebda waħda mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunu nvoluti f'attivitajiet kummerċjali fl-istess suq ta' prodott u suq ġeografiku, jew f'suq ta' prodott li jkun fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq ta' prodott li fih tkun involuta xi parti oħra tal-konċentrazzjoni;"

Konklużjoni

Għar-raġunijiet suesposti u skond ir-regolament 12(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant iddeċieda:

(1) li għalkemm il-Konċentrazzjoni taqa' fl-iskop ta' dawn ir-Regolamenti, il-Konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-legalità tagħha;

(2) li ma jopponiex għall-Konċentrazzjoni; u

(3) jiddikjara li hija Konċentrazzjoni legali.

Marcel Pizzuto
Direttur
Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta

Id-19 ta' Frar, 2008

"The simplified procedure will apply to the following categories of concentrations that are deemed not to raise serious doubts as to their legality in terms of the provisions of these regulations, unless the Director in exceptional cases and in view of the economic conditions pertaining to the market and the parties to the concentration deems otherwise:

(ii) two or more undertakings merge, or one or more undertakings acquire sole or joint control of another undertaking, provided that none of the parties to the concentration are engaged in business activities in the same product and geographical market, or in a product market which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged;"

Conclusion

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 12(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 the Director of the Office for Fair Competition has therefore decided:

(1) that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the Concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;

(2) not to oppose the Concentration; and

(3) declares it to be a lawful Concentration

Marcel Pizzuto
Director
Office for Fair Competition

19th February, 2008

Nru. 168

UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/359/06

21 ta' Diċembru, 2006

Deċiżjoni dwar l-akkwist skond ir-regolament 12(4) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002)

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidra n-notifika tas-27 ta' Novembru 2006

No. 168

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/359/06

21 December, 2006

Decision on acquisition in terms of regulation 12(4) of Regulations on Control of Concentrations (L.N. 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the notification of 27 November

skond ir-regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet.

Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet;

Wara li kkunsidra l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura semplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill KE Nru. 139/2004.

Fatti

1. Fis-27 ta' Novembru Dr Karl Sammut għan-nom ta' CTB International Corp (minn issa 'l quddiem indikata bħala "CTB") innotifika l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (minn issa 'l quddiem indikat bħala "UKĠ") dwar ix-xiri u l-ftehim ta' trasferiment li permezz tiegħu CTB permezz ta' sussidjarja 100% tagħha Chore-Time Brock Holding B.V, (minn issa 'l quddiem indikata bħala "CTBH"), kellha takkwista l-kontroll fuq Laake Stalltechnic Gmbh (minn issa 'l quddiem indikata bħala "Laake").

2. Il-preżentazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' din in-notifika saret pubblika permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u permezz ta' avviż ippubblikat f'gazzetta lokali.

Partijiet

3. CTB għandha s-sede tagħha f'611 North Higbee Street Milford Indiana USA. CTB hija involuta fid-disinn, produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' sistemi u soluzzjonijiet għall-industrija tat-tjur, tal-ħnieżer, tal-produzzjoni tal-bajd u tal-qamħ.

4. Laake tiddisinja, tiżviluppa, tipproduċi u/jew tipprovi lill-produtturi tal-ħnieżer, u b'mod partikolari stalel għat-tgħammir, għat-twelid, għall-ġestazzjoni u inseminazzjoni, gaġeġ biex il-ħanżira tferra' u gradi.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

5. L-operazzjoni notifikata li permezz tagħha l-Parti li qed tinnotifika takkwista kontroll dirett fuq Laake hija konċentrazzjoni skond id-definizzjoni tar-Regolament 2(d)(ii) tar-Regolament ta' l-2002 dwar Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

6. Ir-Regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

2006 pursuant to regulation 5 of Regulations on Control of Concentrations 2002.

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002;

Having considered Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation EC No. 139/2004.

Facts

1. On 27 November 2006 Dr Karl Sammut on behalf of CTB International Corp (hereinafter referred to as CTB) notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as "OFC") with a purchase and transfer agreement whereby CTB through its wholly owned subsidiary Chore-Time Brock Holding B.V, (hereinafter referred to as "CTBH"), is to acquire control over Laake Stalltechnic Gmbh (hereinafter referred to as "Laake).

2. The filing and the acceptance of such notification was made public through a notice published in the Government Gazette and through a notice carried in a local newspaper.

Parties

3. CTB has its seat in 611 North Higbee Street Milford Indiana USA. CTB is involved in the design, manufacture and marketing of systems and solutions for the poultry, hog, egg production and grain industry.

4. Laake designs, develops, manufactures and/or supplies equipment to pig (hog) producers, and in particular breeding, farrowing, gestation and insemination stalls, farrowing crates, finishing pens and gates.

Notifiable Concentration

5. The notified operation whereby the Notifying Party acquires direct control of Laake is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations, 2002.

6. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

7. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll fuq Laake minn CTBH permezz ta' kuntratt.

Limitu għan-Notifika

8. Il-fatturat totali tal-partijiet ikkonċernati fis-sena finanzjarja preċedenti jeċċedi dak stipulat fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

Proċedura Simplifikata

9. Wara l-eżami tan-notifika, id-Direttur ikkonkluda li l-konċentrazzjoni nnotifikata taqa' taħt l-iskop tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet u tar-regolament 12(1)(iii) tiegħu li jipprovdi li:

"Il-proċedura simplifikata għandha tkun tapplika għal dawn il-kategoriji ta' konċentrazzjonijiet li ġejjin li jitqiesu li ma jqajmux dubji serji dwar il-legalità tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba d-Direttur f'każijiet eċċezzjonali u minħabba li l-kondizzjonijiet ekonomiċi li jappartjenu għas-suq u għall-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunx iqis xort'oħra:

(iii) meta żewġ intrapriżi jew aktar jamalgamaw, jew intrapriża waħda jew aktar tikseb kontroll uniku jew konġunt ta' xi intrapriża oħra u żewġ partijiet jew aktar tal-konċentrazzjoni jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali jew fl-istess suq ta' prodott u suq ġeografiku u s-sehem fis-suq kombinat tagħhom ikun anqas minn 15% , jew f'suq ta' prodott li jkun fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq ta' prodott fejn tkun involuta xi parti oħra tal-konċentrazzjoni s-sehem fis-suq kombinat tagħhom ikun ta' inqas minn 25%;"

Konklużjoni

Għar-raġunijiet suesposti u skond ir-regolament 12(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant iddeċieda:

(1) li għalkemm il-Konċentrazzjoni taqa' fl-iskop ta' dawn ir-Regolamenti, il-Konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-legalità tagħha;

(2) li ma jopponix għall-Konċentrazzjoni; u

(3) jiddikjara li hija Konċentrazzjoni legali.

Marcel Pizzuto
Direttur
Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta

Id-19 ta' Frar, 2008

7. In this case, the proposed concentration is the acquisition of control over Laake by CTBH by means of a contract.

Threshold for Notification

8. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Simplified Procedure

9. After examination of the notification, the Director has concluded that the notified concentration falls within the scope of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 and of regulation 12(1)(ii) thereof whereby it is provided that:

"The simplified procedure will apply to the following categories of concentrations that are deemed not to raise serious doubts as to their legality in terms of the provisions of these regulations, unless the Director in exceptional cases and in view of the economic conditions pertaining to the market and the parties to the concentration deems otherwise:

(iii) two or more undertakings merge, or one or more undertakings acquire sole or joint control of another undertaking and two or more of the parties to the concentration are engaged in business activities either in the same product and geographical market and their combined market share is less than 15% or in a product market which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged and their combined market share is less than 25%;"

Conclusion

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 12(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 the Director of the Office for Fair Competition has therefore decided:

(1) that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the Concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;

(2) not to oppose the Concentration; and

(3) to declare it to be a lawful Concentration

Marcel Pizzuto
Director
Office for Fair Competition

19th February, 2008

Nru. 169

UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/360/06

21 ta' Diċembru, 2006

Deċiżjoni dwar l-akkwist skond ir-regolament 12(4) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidra n-notifika tas-27 ta' Novembru, 2006 skond ir-regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet;

Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' l-2002 dwar Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet;

Wara li kkunsidra l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura semplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill KE Nru. 139/2004.

Fatti

1. Fis-27 ta' Novembru Dott. Karl Sammut għan-nom ta' CTB International Corp (minn issa 'l quddiem indikata bħala "CTB") innotifika l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (minn issa 'l quddiem indikat bħala "UKĠ") dwar ix-xiri u l-ftehim ta' trasferiment li permezz tiegħu CTB permezz ta' sussidjarja 100% tagħha Chore-Time Brock Holding B.V, (minn issa 'l quddiem indikata bħala "CTBH"), kellha takkwista l-kontroll fuq Porcon Beheer B.V. (minn issa 'l quddiem indikata bħala "Porcon").

2. Il-preżentazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' din in-notifika saret pubblika permezz ta' avviżi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u permezz ta' avviż ippubblikat f'gazzetta lokali.

Partijiet

3. CTBH għandha s-sede tagħha f'611 North Higbee Street Milford Indiana USA. CTB hija involuta fid-disinn, produzzjoni u kummerċjaliżżazzjoni ta' sistemi u soluzzjonijiet għall-industrija tat-tjur, tal-ħnieżer, tal-produzzjoni tal-bajd u tal-qamħ.

4. Porcon hija *holding company* mingħajr attivitajiet operazzjonali. Porcon Productie B.V u Porcon Pig Equipment BV (minn issa 'l quddiem indikati bħala "PP" u "PPE" rispettivament) ilkoll għandhom is-sede tagħhom f'Doctor Huub van Doorneweg 16 (5753PM) Deurne, l-Olanda u huma l-partijiet l-oħra fil-konċentrazzjoni.

No. 169

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/360/06

21 December, 2006

Decision on acquisition in terms of regulation 12(4) of Regulations on Control of Concentrations (L.N. 294 of 2002).

The Office for Fair Competition,

Having considered the notification of 27 November, 2006 pursuant to regulation 5 of Regulations on Control of Concentrations 2002;

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002;

Having considered Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation EC No. 139/2004.

Facts

1. On 27 November 2006 Dr Karl Sammut on behalf of CTB International Corp (hereinafter referred to as CTB) notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as "OFC") with a purchase and transfer agreement whereby CTB through its wholly owned subsidiary Chore-Time Brock Holding B.V, (hereinafter referred to as "CTBH"), is to acquire control over Porcon Beheer B.V (hereinafter referred to as "Porcon").

2. The filing and the acceptance of such notification was made public through a notice published in the Government and a notice carried in a local newspaper.

Parties

3. CTBH has its seat in 611 North Higbee Street Milford Indiana USA. CTB is involved in the design, manufacture and marketing of systems and solutions for the poultry, hog, egg production and grain industry.

4. Porcon is a holding company with no operational activities. Porcon Productie B.V and Porcon Pig Equipment BV (hereianfter referred to as PP and PPE respectively) all having their seat at Doctor Huub van Doorneweg 16 (5753PM) Deurne, the Netherlands are the other parties to the concentration.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

5. L-operazzjoni notifikata li permezz tagħha l-Parti li qed Tinnotifika takkwista kontroll dirett fuq Porcon hija konċentrazzjoni skond id-definizzjoni tar-Regolament 2(d)(ii) tar-Regolament ta' l-2002 dwar Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

6. Ir-Regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

7. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll fuq Porcon minn CTBH permezz ta' kuntratt.

Limitu għan-Notifika

8. Il-fatturat totali tal-partijiet ikkonċernati fis-sena finanzjarja preċedenti jeċċedi dak stipulat fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

Proċedura Simplifikata

9. Wara l-eżami tan-notifika, id-Direttur ikkonkluda li l-konċentrazzjoni nnotifikata taqa' taħt l-iskop tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet u tar-regolament 12(1)(iii) tiegħu li jipprovdi li:

"Il-proċedura simplifikata għandha tkun tapplika għal dawn il-kategoriji ta' konċentrazzjonijiet li ġejjin li jitqiesu li ma jqajmux dubji serji dwar il-legalità tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba d-Direttur f'każijiet eċċezzjonali u minħabba li l-kondizzjonijiet ekonomiċi li jappartjenu għas-suq u għall-partijiet fil-konċentrazzjoni ma jkunx iqis xort'oħra:

(iii) meta żewġ intrapriżi jew aktar jamalgamaw, jew intrapriża waħda jew aktar tikseb kontroll uniku jew konġunt ta' xi intrapriża oħra u żewġ partijiet jew aktar tal-konċentrazzjoni jkunu involuti f'attivitajiet kummerċjali jew fl-istess suq ta' prodott u suq ġeografiku u s-sehem fis-suq kombinat tagħhom ikun anqas minn 15% , jew f'suq ta' prodott li jkun fil-linja 'l fuq jew fil-linja 'l isfel ta' suq ta' prodott fejn tkun involuta xi parti oħra tal-konċentrazzjoni s-sehem fis-suq kombinat tagħhom ikun ta' inqas minn 25%;"

Konklużjoni

Għar-raġunijiet suesposti u skond ir-regolament 12(4) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant iddeċieda:

Notifiable Concentration

5. The notified operation whereby the Notifying Party acquires direct control of Porcon is a concentration within the meaning of regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations, 2002.

6. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

7. In this case, the proposed concentration is the acquisition of control over Porcon by CTBH by means of a contract.

Threshold for Notification

8. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that set out in regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Simplified Procedure

9. After examination of the notification, the Director has concluded that the notified concentration falls within the scope of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 and of regulation 12(1)(iii) thereof whereby it is provided that:

"The simplified procedure will apply to the following categories of concentrations that are deemed not to raise serious doubts as to their legality in terms of the provisions of these regulations, unless the Director in exceptional cases and in view of the economic conditions pertaining to the market and the parties to the concentration deems otherwise:

(iii) two or more undertakings merge, or one or more undertakings acquire sole or joint control of another undertaking and two or more of the parties to the concentration are engaged in business activities either in the same product and geographical market and their combined market share is less than 15% or in a product market which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged and their combined market share is less than 25%;"

Conclusion

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 12(4) of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 the Director of the Office for Fair Competition has therefore decided:

(1) li għalkemm il-Konċentrazzjoni taqa' fl-iskop ta' dawn ir-Regolamenti, il-Konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-legalità tagħha;

(2) li ma jopponix għall-Konċentrazzjoni; u

(3) jiddikjara li hija Konċentrazzjoni legali.

Marcel Pizzuto
Direttur
Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta

Id-19 ta' Frar, 2008

(1) that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the Concentration does not raise serious doubts about its lawfulness;

(2) not to oppose the Concentration; and

(3) to declare it to be a lawful Concentration.

Marcel Pizzuto
Director
Office for Fair Competition

19th February, 2008

Nru. 170

UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/282/06

18 ta' Ottubru, 2006

Deċiżjoni dwar Akkwist skond ir-Regolament 6(1) (ii) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet (L.N. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidra n-notifika rispettiva tal-25 ta' Settembru 2006 skond ir-Regolament 5 ta' l-Avviż Legali 294 ta' l-2002;

Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 (A.L. 294 ta' l-2002);

Wara li kkunsidra l-KE u ġurisprudenza barranija oħra;

Fatti

1. Fil-25 ta' Settembru 2006, Dott. James Bannister għan-nom ta' SG Solutions Limited innotifika l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (minn issa 'l quddiem indikat bħala l-'UKĠ') dwar ftehim bejn SG Solutions u S&T (Malta) Limited (minn issa 'l quddiem indikati bħala SG u S&T rispettivament) b'abbozz ta' kopja ta' ftehim ta' xiri ta' ishma li permezz tiegħu SG għandha l-intenzjoni li takkwista l-kontroll uniku ta' S&T, jiġifieri l-ishma kollha f'S&T.

2. Il-preżentazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' din in-notifika ġiet innotifikata lill-pubbliku permezz ta' avviż pubbliku fil-Gazzetta tal-Gvern.

No. 170

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/282/06

18 October, 2006

Decision on Acquisition in terms of Regulation 6(1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations (L.N. 294 of 2002).

The Office for Fair Competition,

Having considered the respective notification of 25 September 2006 pursuant to Regulation 5 of L.N. 294 of 2002

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (L.N. 294 of 2002)

Having considered EC and other foreign jurisprudence

Facts

1. On 25 September 2006, Dr James Bannister. on behalf of SG Solutions Limited has notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as OFC) with an agreement between SG Solutions Limited and S&T (Malta) Limited (hereinafter referred to as SG and S&T respectively), with a draft copy of the share purchase agreement according to which SG intends to acquire the sole control of S&T, that is, all the shares in S&T.

2. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a public notice in the Government Gazette.

Partijiet

3. F'dan il-każ il-partijiet għat-tranżazzjoni huma SG u S&T. Iż-żewġ entitajiet joperaw f'Malta u għalhekk il-fatturat huwa ġġenerat f'Malta. Iż-żewġ kumpanniji joperaw fis-swieq tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u komunikazzjoni, awtomazzjoni u żvilupp ta' *software*. Dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala swieq li huma segmenti fi ħdan is-suq Business to Business. Iż-żewġ entitajiet mhumiex attivi fis-suq effettwat permezz ta' entità oħra.

Parties

3. In this case the parties to the transaction are SG and S&T . Both undertakings operate in Malta and therefore their turnover arises in Malta. Both companies operate within the markets of information and communication technology, office automation and software development. These can be considered to be markets which are segments within the Business to Business market. Both undertakings are not active in the affected market via another undertaking.

Ftehim

4. Skond l-Artikolu 2.1 ta' l-abbozz ta' ftehim ta' Xiri ta' Ishma S&T taqbel li tbiegħ u tittrasferixxi lix-xerrej u tipprokura l-bejgħ u t-trasferiment lix-xerrej, u x-xerrej permezz ta' dan il-ftehim jaqbel li jixtri u jakkwista mill-bejjiegħ l-ishma. Il-prezz tax-xiri ta' l-ishma ser ikun Lm 131 465. Dan huwa ekwivalenti għan-*net asset value* tal-Kumpannija skond il-kontijiet tal-kumpannija fid-data tal-31 ta' Mejju 2006. Skond l-Artikolu 3.2, ġie miftiehem li l-prezz tax-xiri għandu jitħallas kollu fid-data ta' l-egħluq tas-suq fl-istess ħin tat-trasferiment ta' l-ishma.

Skond l-Artikolu 6.1 jintqal li fil-każ ta' xi rappreżentazzjoni jew garanzija mogħtija mill-bejjiegħ f'dan il-ftehim jew xi anness għalih jew fid-diliġenza dovuta jidher li mhux korrett jew preċiż, il-Bejjiegħ jaqbel li jikkumpensa lix-Xerrej kontra u jżommu indenni minn kull jew it-telf kollu li jsofri x-Xerrej.

Agreement

4. According to Article 2.1 of the draft agreement for the Share Purchase agreement S&T agrees to sell and transfer to buyer and procure the sale and transfer to the buyer, and buyer hereby agrees to purchase and acquire from seller the shares. Purchase price for the shares shall be Lm 131 465. This is the equivalent to the net asset value of the Company in terms of the accounts of the Company as at May 31 2006. According to Article 3.2 it was stipulated that the purchase price shall be paid in full at closing simultaneously with transfer of shares.

Under Article 6.1 there is stated that in the event that any representation or warranty given by the seller in this agreement or any schedule hereto or in due diligence is shown to be incorrect or inaccurate the Seller agrees to indemnify the Buyer against and hold the Buyer harmless from any and all losses incurred or suffered by the buyer..

5. It-tranżazzjoni nnotifikata li permezz tagħha SG takkwista l-kontroll uniku ta' S&T hija konċentrazzjoni skond ir-Regolament 2(d)(ii) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

5. The notified transaction whereby SG acquires the sole control of S&T is a concentration within the meaning of Regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations, 2002.

6. Ir-Regolament 2(d)(ii) jirreferi għall-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw mill-anqas xi intrapriża waħda, sew bix-xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ jew ta' partijiet minnhom.

6. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

7. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist minn SG tal-kontroll uniku ta' S&T permezz ta' kuntratt.

7. In this case, the proposed concentration is to be the acquisition by SG of the sole control of S&T by means of a contract

Limitu għan-Notifika

8. Il-fatturat totali tal-partijiet ikkonċernati fis-sena finanzjarja preċedenti jeċċedi dak kontemplat fir-Regolament 2 tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

Threshold for Notification

8. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that contemplated in Regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Evalwazzjoni

Il-kwestjoni tal-preżenza jew le ta' suq effettwat f'Malta

Assessment

The matter of the presence or otherwise of an effected market in Malta

9. Għall-iskopijiet tas-Sezzjoni 6III tan-NK (Formola ta' Notifika dwar il-Konċentrazzjoni annessa mar-Regolamenti ta' Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet) is-swieq effettwati huma swieq ta' prodott rilevanti f'Malta jew parti rilevanti tiegħu

a) Żewġ partijiet jew aktar fil-konċentrazzjoni huma nvoluti f'attivitajiet kummerċjali fl-istess suq ta' prodott u fejn il-konċentrazzjoni se twassal għal sehem fis-suq kombinati ta' 15% jew aktar; jew

b) Parti waħda jew aktar fil-konċentrazzjoni hija involuta f'attivitajiet kummerċjali fis-suq tal-prodott, li huwa 'l fuq jew 'l isfel fis-suq ta' prodott fejn kull parti fil-konċentrazzjoni hija nvoluta u kull sehem fis-suq individwali jew kombinata hija 25% jew aktar, irrispettivament jekk hemmx jew le relazzjoni fornitur – konsumatur bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni.

10. F'dan il-każ, meta wieħed jikkunsidra n-natura tat-tranżazzjoni u ta' l-effetti potenzjali li l-imsemmija konċentrazzjoni jista' jkollha fuq is-suq Malta, wieħed isib li l-akkwist propost huwa ta' natura orizzontali, għalhekk it-tieni possibiltà prevista taħt Sezzjoni 6 II ta' NK (Formola ta' Notifika annessa mar-Regolamenti tal-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet) għandha tiġi eskluża.

Analiżi sostantiva

11. L-UKĠ ikkunsidra l-akkwist in eżami bħala waħda ta' natura oriżżontali minħabba l-fatt li x-xerrej u l-entità mmirata joperaw fl-istess suq u fl-istess l-livell ta' kummerċ. L-UKĠ ma għamilx analiżi HHI minħabba li kif spjega qabel f'din id-deċiżjoni ma kienx hemm suq effettwat f'Malta.

Konklużjonijiet

Għar-raġunijiet suesposti u skond ir-Regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 ta' l-2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant:

(1) Iddeċieda li għalkemm il-Konċentrazzjoni taqa' fl-iskop ta' dawn ir-Regolamenti, il-Konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġalità tagħha;
(2) Iddeċieda li ma jopponix għall-Konċentrazzjoni u
(3) Iddeċieda li jiddikjara li hija konċentrazzjoni legali.

Marcel Pizzuto
Direttur
Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta

Id-19 ta' Frar, 2008

9. For the purposes of Section 6III of the CN(Notification Form-annexed to the Regulations on the Control of Concentrations) affected markets are relevant product markets where in the Maltese or a relevant part thereof:

a) two or more of the parties to the concentration are engaged in business activities in the same product market and where the concentration will lead to a combined market share of 15% or more; or

b) one or more of the parties to the concentration are engaged in business activities in a product market, which is upstream or downstream of a product market in which any other party to the concentration is engaged, and any of their individual or combined market shares is 25% or more, regardless of whether there is or is not any existing supplier customer relationship between the parties to the concentration.

10. In this case when one considers the nature of the transaction and the potential effects that the mentioned concentration could have on the Maltese market, one finds that the proposed acquisition is of a horizontal nature, therefore the second possibility envisaged under Section 6 III of the CN (Notification Form, annexed to the Regulations on the Control of Concentrations) is to be ruled out.

Substantive analysis

11. The OFC has considered the acquisition under examination to be of a horizontal nature given the fact that the acquirer and the target undertaking operate within the same market and on the same level of trade. The OFC did not carry out an HHI analysis because, as explained earlier on in this decision there was no affected market in Malta.

Conclusions

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 6 (1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition has therefore;

(1) Decided that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the concentration does not raise doubts about its lawfulness;
(2) Decided not to oppose the Concentration and
(3) Declares it to be a lawful concentration.

Marcel Pizzuto
Director
Office for Fair Competition

19th February, 2008

Nru. 171

UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/210/07

22 ta' Ġunju, 2007

Deċiżjoni dwar Amalgamazzjoni skond ir-Regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002)

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidra n-notifika rispettiva wara l-konfermazzjoni ta' pagament fil-11 ta' Mejju 2007 skond ir-Regolament 5(4) ta' A.L. 294 ta' l-2002, kif emendata mill-A.L. 49 ta' l-2007;

Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet, 2002 (A.L. 294 ta' l-2002) kif emendata mill-A.L. 49 ta' l-2007;

Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet rilevanti taħt l-Att tal-Kompetizzjoni Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta;

Wara li kkunsidra l-KE u ġurisprudenza barranija oħra.

Fatti

1. Dott. Aaron Galea Cavalazzi għan-nom ta' Frozen Art Limited, Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited u Golden Harvest Manufacturing Company Limited innotifika lill-Uffiċċju ta' Kompetizzjoni Ġusta (minn issa 'l quddiem indikat bħala l-'UKĠ') dwar l-amalgamazzjoni.

2. Il-preżentazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' din in-notifika ġiet innotifikata lill-pubbliku permezz ta' avviż pubbliku fil-Gazzetta tal-Gvern.

Partijiet

3. F'dan il-każ, il-partijiet għat-tranżazzjoni huma Frozen Art Limited/ Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (minn issa 'l quddiem indikata bħala FAL). FAL u s-sister company Frozen Art Imports (minn issa 'l quddiem indikata bħala FAI) huma ta' proprjetà sħiħa ta' Frozen Art Holdings (minn issa 'l quddiem indikata bħala FAH). FAH hija ta' proprjetà ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (minn issa 'l quddiem indikata bħala AMSML). AMSML hija proprjetà sħiħa ta' Alf Mizzi & Sons Limited, bħalma huma KGS, AMS (HR), Logistics, Foodfinders, Derfla and Zachary. AFML hija proprjetà ta' u kkontrollata minn numru ta' kumpanniji u individwi.

No. 171

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/210/07

22 June, 2007

Decision on merger in terms of Regulation 6(1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations (L.N. 294 of 2002).

The Office for Fair Competition ,

Having considered the respective notification after confirmation of payment on 11 May 2007 pursuant to Regulation 5(4) of L.N. 294 of 2002, as amended by A.L. 49 of 2007;

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (L.N. 294 of 2002) as amended by A.L. 49 of 2007;

Having considered the relevant provisions under the Competition Act Chapter 379 of the Laws of Malta;

Having considered EC and other foreign jurisprudence.

Facts

1. Dr Aaron Galea Cavalazzi on behalf of Frozen Art Limited, Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited and Golden Harvest Manufacturing Company Limited notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as OFC) with a merger.

2. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a public notice in the Government Gazette.

Parties

3. In this case the parties to the transaction are Frozen Art Limited/ Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (hereinafter referred to as FAL). FAL and its sister company Frozen Art Imports (hereinafter referred to as FAI) are fully owned by Frozen Art Holdings (hereianfter referred to as FAH). FAH is owned by Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (hereinafter referred to as AMSML). AMSML is fully owned by Alf Mizzi & Sons Limited, as are KGS, AMS (HR) , Logistics, Foodfinders, Derfla and Zachary. AFML is owned and controlled by a number of companies and individuals.

4. Golden Harvest Mfg. Co. Ltd (minn issa 'l quddiem indikata bħala GH) hija proprjetà sħiħa u kkontrollata mill-Familja Aquilina.

5. FAL hija sussidjarja ta' Alf Mizzi and Sons Limited (minn issa 'l quddiem indikata bħala AMSL) li timmanifattura/tipproduċi prodotti inklużi ġelati fit-tazza, *impulse lollies, impulse cones* u ġelat għad-djar.

6. GH hija involuta fil-manifattura ta' prodotti tal-ġelati, iżda tikkummerċja fi prodotti oħra, bħal ħobż u affarijiet tal-ħelu. Bħala konsegwenza, parti żgħira mill-kapaċità ta' manifattura ta' GH se tkun soġġetta għall-konċentrazzjoni.

Ftehim

7. Bħala riżultat tal-kompletament tal-konċentrazzjoni in kwistjoni, FAL u GH se jaqdu xi whud mid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (filwaqt li ċerti ditti oħra jispiċċaw mill-eżistenza). GH ser tidħol fil-produzzjoni ta' prodotti, li mbagħad se tbiegħ lil AMS għall-bejgħ/distribuzzjoni.

8. It-tranżazzjoni notifikata hija konċentrazzjoni skond it-tifsira tar-Regolament 2(d)(i) tar-Regolamenti ta' l-2002 fuq il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

9. Ir-Regolament 2(d)(i) jirreferi għall-amalgamazzjoni ta' żewġ intrapriżi jew aktar li preċedentement kienu indipendenti minn xulxin.

Limitu għan-Notifika

10. Il-fatturat totali tal-partijiet ikkonċernati fis-sena finanzjarja preċedenti jeċċedi dak kontemplat fir-Regolament 2 tar- Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet.

Analiżi sostantiva

11. L-UKĠ ta attenzjoni partikolari lill-elementi li ġejjin:

I. Is-suq tal-prodott rilevanti;
II. Is-suq ġeografiku rilevanti; u
III. Is-swieq effettwati

12. L-UKĠ ikkunsidra li s-suq tal-prodott rilevanti huwa suq ta' prodotti tal-ġelat u dežerti ffriżati pprodotti/manifatturati lokalment kif ukoll prodotti tal-ġelati importati.

13. Is-suq ġeografiku rilevanti huwa dak li jinkludi t-territorju ta' Malta u Għawdex. Il-partijiet reġgħu sostnew

4. Golden Harvest Mfg. Co. Ltd (hereinafter referred to as GH) is wholly owned and controlled by the Aquilina Family.

5. FAL is a subsidiary of Alf Mizzi and Sons Limited (hereinafter referred to as AMSL) which manufactured/produced products including ice creams in cup, impulse lollies, impulse cones and take home ice cream.

6. GH is involved in the manufacturing of ice-cream products, but deals with other products, such as bread and confectionery. Consequently, only a small part of GH's manufacturing capability will be subject to the concentration.

Agreement

7. As a result of the completion of the concentration in question FAL and GH shall pool in certain of their intellectual property rights (while other markets and brands will cease to exist) GH shall undertake the manufacturing of the products, which it will then sell to AMS for resale/distribution.

8. The notified transaction is a concentration within the meaning of Regulation 2 (d) (i) of the Regulations on the Control of Concentrations, 2002.

9. Regulation 2(d) (i) refers to the merging of two or more undertakings that were previously independent from each other.

Threshold for Notification

10. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that contemplated in Regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Substantive analysis

11. The OFC paid particular attention to the following elements:

I. the relevant product market;
II. the relevant geographic market; and
III. affected markets.

12. The OFC considered the relevant product market to be the market of locally produced/manufactured ice-cream products and frozen desserts as well as imported ice-cream products.

13. The relevant geographic market is that comprising the territory of Malta and Gozo. The parties reiterated that

li l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni huma omoġenej fit-territorju kollu u għalhekk it-territorju kollu ta' Malta u Għawdex jista' jiġi kkunsidra s-suq ġeografiku rilevanti.

14. Is-swieq effettwati huma definittivament id-distribuzzjoni u l-manifattura kif ukoll l-importazzjoni ta' prodotti tal-ġelat f'Malta.

15. Wara li analizza d-dinamiċi tat-transazzjoni proposta, l-UKĠ ikkunsidra l-fatturi li ġejjin:

a) Il-kompetizzjoni kkawżata minn ġelati importati;
b) Il-parti tal-kapaċità ta' manifattura ta' GH; u
c) L-effett u l-għanijiet wara din il-konċentrazzjoni.

16. Jidher li mill-informazzjoni mogħtija mill-partijiet għal din il-konċentrazzjoni kif jidher minn notifika rilevanti, il-ġelat importat u l-ġelat lokali jikkompetu fl-istess suq minħabba l-komparabbiltà fil-prezz. Barra minn hekk, dan ġie evidenzjat aktar minn nuqqas fil-bejgħ għal FAL u GH fil-ġelat prodott lokalment.

17. Skond l-informazzjoni mogħtija mill-partijiet għall-konċentrazzjoni, il-konċentrazzjoni se taffettwa 21.9% tal-volum tas-suq għall-ġelat importat u 5.6% tal-volum tas-suq għall-ġelat lokali. L-element ta' għaqda previst f'dan il-ftehim mill-informazzjoni mogħtija mill-partijiet għal dan il-ftehim effettwa aktar ir-ristrutturar intern tal-partijiet għall-konċentrazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' l-operazzjonijiet tagħhom biex jimminimizzaw l-ispejjeż operazzjonali u jżidu l-kompetittività tal-prodott li għandu jiġi prodott mill-konċentrazzjoni imsemmija.

Konklużjonijiet

Għar-raġunijiet suesposti u skond ir-Regolament 6(1)(ii) u soġġett għar-Regolament 8(5) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet ippublikati fl-Avviż Legali 294 ta' l-2002, id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta għaldaqstant;

(1) Iddeċieda li għalkemm il-Konċentrazzjoni taqa' fl-iskop ta' dawn ir-Regolamenti, il-Konċentrazzjoni ma tqajjimx dubji serji dwar il-leġalità tagħha;
(2) Iddeċieda li ma jopponix għall-Konċentrazzjoni u
(3) Iddeċieda li jiddikjara li hija konċentrazzjoni legali

Dott. Mireille Vella
Direttur
Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta

Id-19 ta' Frar, 2008

the conditions of competition are homogenous throughout the entire territory and such that the entire territory of Malta and Gozo can be considered to be the relevant geographic market.

14. The affected markets are definitely the distribution and the manufacture as well as importation of ice-cream products in Malta.

15. After analysing the dynamics of the proposed transaction the OFC considered the following factors:

a) the competition caused by imported ice creams;
b) the part of GH's manufacturing capability; and
c) the effect and objectives behind such a concentration.

16. It seems that from the data submitted by the parties to this concentration as evidenced in the relevant notification, imported ice cream and local ice creams compete on the same market, due to the comparability in price. Moreover, this has been further evidenced by the decrease in sales for FAL and GH in locally produced ice cream.

17. According to the data submitted by the parties to the concentration, the concentration is going to affect 21.9% of the market volume for imported ice cream and 5.6% of the market volume for local ice cream. The pooling in element envisaged in such agreement from the data given by the parties to such an agreement effected more the internal restructuring of the parties to the concentration and the execution of their operations as to minimise operational costs and to boost the competitiveness of the product to be produced by the same mentioned concentration.

Conclusions

For the above mentioned reasons and in terms of regulation 6 (1) (ii) subject to Regulation 8(5) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in Legal Notice 294 of 2002, the Director of the Office for Fair Competition has therefore;

(1) Decided that although the Concentration falls within the scope of these Regulations, the concentration does not raise doubts about its lawfulness;
(2) Decided not to oppose the Concentration;
(3) Declares it to be a lawful concentration

Dr Mireille Vella
Director
Office for Fair Competition

19th February, 2008

Nru. 172

UFFIĊĊJU TAL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/292/06

1 ta' Novembru, 2006

Deċiżjoni dwar l-akkwist skond ir-regolament 12(4) tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet (L.N. 294 ta' l-2002)

L-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkunsidra n-notifika tat-13 ta' Ottubru 2006 skond ir-regolament 5 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontroll fuq il-Konċentrazzjonijiet;

Wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' l-2002 dwar Kontroll tal-Konċentrazzjonijiet;

Wara l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill KE Nru. 139/2004;

Fatti

1. Fit-13 ta' Ottubru 2006, Dott. Anthony Cremona u Dr. Antoine Cremona bħala rappreżentanti għall-iskopijiet ta' din in-notifika, innotifikaw lill-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta (minn issa 'l quddiem indikat bħala "UKĠ") dwar Ftehim ta' Bejgħ u Xiri, li permezz tiegħu Kulicke and Soffa Industries Inc. (minn issa 'l quddiem indikat bħala "K&S"), kellhom jakkwistaw il-kontroll dirett ta' Alphasem Group (minn issa 'l quddiem indikat bħala "Alphasem").

2. Il-preżentazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' din in-notifika saret pubblika permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 17,986 u permezz ta' avviż ippubblikat f'gazzetta lokali fit-23 ta' Ottubru 2006.

Partijiet

3. K&S hija impriża bbażata fl-Istati Uniti stabbilita fil-Pennsylvania fl-1956. Hija tiddiżinja, tipproduċi u

No. 172

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/292/06

1 November, 2006

Decision on acquisition in terms of regulation 12(4) of Regulations on Control of Concentrations (L.N. 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the notification of 13 October 2006 pursuant to regulation 5 of Regulations on Control of Concentrations 2002

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002

Having considered Commission Notice on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under Council Regulation EC No. 139/2004

Facts

Permezz ta' Avviż maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, fl-4 ta' Frar 2008, il-kawża Ċit. Numru 21/2006, fl-ismijiet Mangion Dorianne et vs Mondial Holidays, li kienet ġa fuq il-lista għas-smigħ mit-23 ta' Jannar 2008, reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għat-28 ta' Marzu 2008, fid-9.00 a.m., quddiem l-Onor. Imħallef Philip Sciberras, LL.D.

Appellati: 14, Triq il-Kbira, Sqaq Nru. 4, Qrendi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli Inferjuri) (Appelli ACCT) 14 ta' Frar 2008.

AVV.DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) by means of a decree given on the 8th February 2008, in the records of the Appeal Number 21/2006, in the names Dorianne and Alex spouses Mangion vs Mondial Holidays, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Dorianne and Alex spouses Mangion, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Notice of hearing issued by the Registry Superior Courts, on the 4th February 2008, the cause Writ of Sumons number 21/2006, in the names Mangion Dorianne et vs Mondial Holidays, which had been already on the list for hearing since the 23rd January 2008, was set down again for hearing on the 28th March 2008, at 9.00 a.m., before the Hon. Mr Justice Philip Sciberras, LL.D.

Respondents: 14, Main Street, Alley Number 4, Qrendi.

Registry of the Superior Courts, (Inferior Appeals) (Appeals ACCT) 14th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

269

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Diċembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) u b'digriet tas-7 ta' Diċembru 2007 l-isem tas-soċjetà attriċi ġie mibdul għal Go plc ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fl-20 ta' Lulju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Nicolina Cacciattolo (ID30148M) ta' Flat 7, Ent. A Binja tas-Salib, Triq G. Dimech Debono, Birkirkara, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €305.92 (Lm131.33) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (576/07RFA) hija differita għad-29 ta' Frar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 14 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 7th December 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) and by a decree of the 7th December 2007 the name of the company was changed to Go plc of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 20th July 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Nicolina Cacciattolo (ID 30148M) of Flat 7, Ent. A, Binja tas-Salib, Triq G. Dimech Debono, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €305.92 (Lm131.33) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 576/07RFA) is put off on the 29th February 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 14th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

270

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Jannar 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Raphael Aloisio (ID43064M) personalment kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà ċivili Deloitte & Touche ta' 1, Triq il-Kurunell Savona, Sliema, ippreżentaw Talba fl-14 ta' Settembru 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Bono Street Limited (C 31273) ta' 1, Col Savona Street, Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,473.56 (Lm1,061.90) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (683/07RFA) hija differita għad-29 ta' Frar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 14 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 11th January 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Raphael Aloisio (ID 43064M) personally and also for and on behalf of the civil partnership Deloitte & Touche of 1 Triq il-Kurunell Savona, Sliema, filed a Claim on the 14th September 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Bono Street Limited (C31273) of 1, Col Savona Street, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €2,473.56 (Lm1,061.90) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 683/07RFA) is put off on the 29th February 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 14th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

271

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' Jannar 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Central Cigarette Company Limited u b'digriet mogħti fl-24 ta' Lulju 2007 mit-Tribunal għall-Talbiet Żgħar l-isem tas-soċjetà attriċi ġie mibdul għal British American Tobacco (Malta) Ltd (C-2606) ta' Qasam Industrijali ta' Bulebel, Żejtun, ippreżentaw Talba fit-8 ta' Mejju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ramazan Ertugrul personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Bosphorous Ltd (C-30120 (ID 191900L) ta' 9, Springtime, Triq l-Imsaqqfin, Baħar iċ-Ċagħaq, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,494.06 (Lm1,500) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (414/07RFA) hija differita għad-29 ta' Frar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 14 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 18th January 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Central Cigarette Company Limited and by a decree of the 24th July 2007 of the Small Claims Tribunal the name of the company was changed to British American Tobacco (Malta) Ltd (C-2606), of Qasam Industrijali ta' Bulebel, Żejtun, filed a Claim on the 8th May 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Ramazan Ertugrul personally and also for and on behalf of the company Boshorous Ltd (C-30120) (ID 191900L) of Springtime, Triq l-Imsaqqfin, Baħar iċ-Ċagħaq, to pay the plaintiff company the sum of €3,494.06 (Lm1,500) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 414/07RFA) is put off on the 29th February 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 14th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

272

Billi Dr Alfred Ellul, Tabib, I.D. 240341(M), ippreżenta rikors fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-10 ta' Diċembru 2007, rikors Nru 780/2007, fejn talab illi huwa jinħatar kuratur għal Raymond, Mark u Stephen aħwa Ellul, ikoll tfal u eredi tal-mejjet Maurice Ellul, iben John Ellul, illi kien ħu l-mejta Mary Ellul, xebba, bint il-mejtin Michael Ellul u Giuseppa Ellul neé Vella, karta ta' l-identità 739322(M), li mietet fil-21 ta' Diċembru 1990, li ilhom assenti minn dawn il-Ġżejjer, għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena, bla ma ttieħdu aħbarijiet dwarhom.

Kull min għandu aħbarijiet li l-imsemmija Raymond, Mark u Stephen aħwa Ellul, għadhom ħajjin huwa mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tkun taf bihom fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dik il-guranata li joħrog l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

B' ordni tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 15 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLKI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas Dr Alfred Ellul, Doctor of Medicine, I.D. 240341(M) filed an application in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 10th December 2007, application number 780/2007, whereby he asked that he be appointed curator for Raymond, Mark and Stephen brothers Ellul, all children and heirs of the late Maurice Ellul, son of John Ellul, who was the brother of the deceased, Mary Ellul, unmarried, daughter of the late Michael Ellul and Giuseppa Ellul neé Vella, Identity card number 739322(M), who died on the 21st De cember 1990, who have been absent from these islands for more than twenty five years, without any news of them, having been received.

Thus whosoever has any news that the said Raymond, Mark and Stephen brothers Ellul are still alive is asked to give them to the Registrar Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) so that this Court may know about them within one month which starts to run from that day of the publication of this edict in the Government Gazette.

By order of the Court above mentioned.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 15th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

273

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fil-11 ta' Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-intimat John Mizzi li għandu l-karta ta' identità numru 303452(M), kemm f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Clednef Ltd (C 29470).

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ta' Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara, ippreżenta ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-12 ta' Novembru 2007, li ġiet in-numru 871/2007, fejn ai termini ta' l-artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, interpella lil John Mizzi li għandu l-karta ta' identità numru 303452(M), bl-indirizz "Panorama Court" Blk A, Flat 5, Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ, Għawdex, kemm f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Clednef Ltd (C 29470) sabiex fi żmien jumejn min-notifika iħallas l-ammont ta' €46,168.18 (Lm19,820) rappreżentanti ammont dovut mill-intimat proprio et nomine bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l-imsemmi Att. Bl-ispejjeż u bl-imgħax. Bis-saħħa ta' l-istess ittra uffiċjali dan it-titolu eżekuttiv ġie reż eżegwibbli.

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 13 ta' Frar 2008

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT IS hereby notified that by virtue of a decree given on the 11th February 2008 by the Court of Magistrates (Gozo) in its Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the following notice for the purpose of service in terms of section 187(3) of Chapter 12 of the Laws of Malta as regards respondent John Mizzi, holder of identity card number 303452(M), both in his personal capacity as well as in his capacity of director of the company Clednef Ltd (C 29470).

The Commissioner of VAT of Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, filed a judicial letter in the Court of Magistrates (Gozo) in its Superior Jurisdiction, General Section, on the 12th November 2007, bearing number 871/2007, whereby he, in terms of article 59 of Act XXIII of 1998, called upon John Mizzi holder of identity card number 303452(M), with registered address at "Panorama Court" Blk A, Flat 5, Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ, Gozo, both in his personal capacity as well as in his capacity of director of the company Clednef Ltd (C29470), to pay, within two days from date of service, the amount of €46,168.18 (Lm19,820) being amount due by respondent proprio et nomine as VAT in terms of the said Act. With costs and interest. By virtue of the said judicial letter this claim was constituted as an executive title.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

This 13th February 2008

ANTHONY MIZZI
For the Registrar (Gozo Courts and Tribunals)

274

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-8 ta' Frar 2008, mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Louis Micallef fit-30 ta' Novembru 2007, qed jintalab l-iżbank ta' l-ammont ta' €950.38 (Lm408) depożitati b'ċedola numru 1501/2007 minn Bank of Valletta plc. li jappartjenu lil Louis Micallef.

Reġistru tal-Qorti Prim Awla Ċivili (Malta), illum it-13 ta' Frar 2008.

MICHAEL PORTELLI.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 8th February 2008 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by Louis Micallef on the 30th November 2007, is asking for the withdrawal of the amount of €950.38 (Lm408) by Schedule of Deposit number 1501/2007, lodged by Bank of Valletta plc and appertaining to Louis Micallef.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 13th February 2008.

MICHAEL PORTELLI.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

275

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Frar 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 699/07, fl-ismijiet Domenic Bonnici vs Josef Muscat, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Josef Muscat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 28 ta' Frar 2007

Lil Josef Muscat

Bil-preżenti Domenic Bonnici ID 626159(M), filwaqt li jirreferik għall-inċident li seħħ fil-bini tal-Qorti, fid-29 ta' Marzu 2006, fejn inti ħebbejt għall-mittent mingħajr ebda raġuni u sawwattu u kkaġunajtlu feriti ta' natura gravi u permanenti f'imnieħru, jinterpellak biex fi żmien tlett ijiem tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha kaġunati minnek fuq il-persuna tiegħu b' konsegwenza ta' l-imsemmi inċident.

Fin-nuqqas il-mittent javżak li jipproċedi kontrik skond il-liġi.

Din l-ittra uffiċjali qed tinbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u b'mod partikolari għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 u tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Mittenti: 'Dommar', Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar.

Intimat: 1) 'Marica', Triq l-Imterqa, Mqabba.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 6th February 2008, in the records of the judicial letter number 699/07, in the names Domenic Bonnici vs Josef Muscat, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Josef Muscat, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 28th February 2007

To Josef Muscat

By the present Domenic Bonnici ID 626159(M), whilst referring to the incident which occurred in the Court Building, on the 29th March 2006, whereby you assaulted the interpellant, without any reason and beat him and caused him injuries of a grievous and permanent nature to his nose, calls upon you so that within three days, you come forward to the liquidation and payment of all the damages caused by you to his person as a consequence of the said accident.

Failing which the interpellant warns you that he shall proceed against you according to law.

This judicial letter is being sent for all intents and purposes of law and in particular for the relative provisions of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

With costs.

Interpellant: 'Dommar', 21st September Alley, Naxxar.

Respondent : 1) 'Marica', Imterqa Street, Mqabba.

Registry of the Superior Courts, today 15th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

276

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tal-31 ta' Jannar 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors preżentat minn ING Bank N.V. fit-21 ta' Diċembru 2007, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €2,031,676.40 (Lm872,198.68) depożitat b'ċedola numru 1550/07 depożitati minn HSBC Bank Malta Plc liema somma tappartjeni lil Enercom Limited.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Prim'Awla, illum it-8 ta' Frar, 2008.

ALAN ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 31st January 2008, given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by ING Bank N.V. on the 21st December 2007, is asking for the withdrawal of the amount of €2,031,676.40 (Lm872,198.68) deposited by Schedule of Deposit number 1550/07, lodged by HSBC Bank Malta Plc and appertaining to Enercom Limited.

Registry of the Civil Court First Hall, today the 8th February, 2008.

ALAN ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

277

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fid-29 ta' Jannar 2008, ġiet milqugħa t-talba tal-Prosekuzzjoni fl-Atti tal-Kumpilazzjoni 'Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma u Spettur Norbert Ciappara) kontra:

Angelo Fenech ta' 35 sena iben Francis u Pauline neé Fenech, mwieled Pietà fid-19 ta' Frar 1972 u residenti Nru. 20, Triq Tar-Rumi l/o Marsascala, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 179572(M).

Ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti u/jew imissu lill-imputat imsemmi iktar 'il fuq, jew li huma propjetà tiegħu u pprojbiet lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull propjetà, mobbli jew immobbli u dana ai termini tal-Kap. 101 u tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXXI ta' l-2007 li ġie in vigore fil-15 ta' Jannar 2008.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 15 ta' Frar, 2008

PAUL MIRUZZI
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

It is hereby notified that by a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 29th January 2008, the Court acceded to the request of the Prosecution in the Preliminary Investigation 'The Police (Inspector Dennis Theuma and Inspector Norbert Ciappara)' versus:

Angelo Fenech, 35 years old, son of Francis and Pauline neé Fenech, born in Pietà on the 19th February 1972 and residing 20, Triq Tar-Rumi l/o Marsascala, holder of identity card number 179572(M).

Ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and moveable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, moveable or immoveable, and this in terms of Chapter 101 and Chapter 9 of the Laws of Malta as amended by Act XXXI of 2007 which came into effect on the 15th January 2008.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today 15th February 2008

PAUL MIRUZZI
Registrar, Criminal Courts and Tribunals

278

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla, permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Novembru 2007, fl-atti tar-Rikors ĠuramentatNru 938/07 RCP, fl-ismijiet Vassallo Paola vs Dalli Marija, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Paola sive Pawlina Vassallo ID 664723 ta' 12 , Triq il-Paroċċa, Sqaq numru 1, Siġġiewi, vs Marija Dalli ID 380837(M) ta' 18 G, Saint Mary Street, Ħal Safi, fl-4 ta' Marzu 2008, ir-rikorrenti Paola sive Pawlina Vassallo, talbet il-konvenuta għaliex m'għandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddeċiedi u tikkonferma li l-imsemmija enfitewsi mwaqqfa bis-saħħa tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Giuseppe Trapani, datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 1908 (Dok. A) skada fil-ħmistax (15) ta'Awissu 2007, u għalhekk ir-razzett 'Ta' Birbla', Triq Ħlantun, Ħal Safi u żewġt itmien raba' li jagħmlu ma' l-istess razzett u li jifformaw is-suġġett ta' l-istess enfitewsi, irrivertew ipso jure, lill-attriċi u l-konvenuta m'għandhiex jedd tkompli tokkupahom (Dok. B).

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 13th November 2007, in the records of the Sworn Application number 938/07 RCP, in the names Vassallo Paola vs Dalli Marija, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Paola sive Pawlina Vassallo ID 664723 of 12, Parish Street, Alley Number 1, Siġġiewi, vs Marija Dalli ID 380837(M) of 18G, Saint Mary Street, Safi, on the 4th March 2008, the applicant Paola sive Paolina Vassallo, asked the defendant why this Court should not:

1. Decide and confirm the said emphyteusis set up by means of a public deed in the records of Notary Giuseppe Trapani, dated twenty seventh (27) of September 1908 (DocA) lapsed on the fifteenth (15) of August 2007, and thus the farmhouse 'Ta' Birbla', Ħlantun Street, Safi, and the two tumoli of land adjoining the same farmhouse and which form part of the same emphyteusis, reverted ipso jure to the plaintiff and the defendant has no right to continue occupying them (Doc. B).

2. Tawtorizza l-attriċi, tirriprendi l-pussess ta' l-imsemmi razett u raba' u għal dan l-iskop tiffissa lill-konvenuta terminu qasir u perentorju sabiex tiżgombra mill-istess fond u raba'.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Konvenut: 18G, Saint Mary Street, Ħal Safi.

Elenku tad-Dokumenti.

Ir-Rikors Numru 938/07 RCP, fl-ismijiet Vassallo Paola vs Dalli Marija, jinsab differit għall-4 ta' Marzu 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. To authorize the plaintiff to take back possession of the said farmhouse and land and for this purpose fix in favour of the defendant, a short and peremptory period to vacate from the same premises and land.

With costs, against the defendant, who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

Defendant: 18G, Saint Mary Street, Safi.

List of Documents.

The Application Number 938/07 RCP, in the names Vassallo Paola vs Dalli Marija, has been put off to the 4th March 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 15th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

279

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 6761/06, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Freddy Van Oevelen, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta'l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Freddy Van Oevelen (ID 67595M) fil-5 ta' Settembru 2006, il-Bank of Valletta p.l.c. interpellat lil intimat sabiex fi żmien jumejn iħallas is-somma €6,851.90 (Lm2,941.52) bilanċ għad-debitu fil "Loan Account" tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri, mill-5 ta' Ġunju 2006, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak ili jekk inti tonqos hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Intimat: Freddy Van Oevelen (ID Numru 67595M)
Royal Garden, Flat 4, Triq Piscopo Macedonia,
San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) 15 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 10th October 2006, in the records of the judicial letter number 6761/06, in the names Bank of Valletta plc vs Freddy Van Oevelen, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) to Freddy Van Oevelen (ID 67595M) on the 5th September 2006, the Bank of Valletta p.l.c. called upon the respondent, so that within two days, he pays the sum of €6,851.90 (Lm2,941.52) balance of debt in his "Loan Account" with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest, from the 5th June 2006, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
173, St. Christopher Street, Valletta.

Respondent: Freddy Van Oevelen (ID number 67595M)
Royal Garden, Flat 4, Piscopo Macedonia Street,
St. Paul's Bay.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 15th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

280

Ikun jaf kulħadd illi b'Digriet tal-15 ta' Frar 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12).

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subasta numru 52/07 fl-ismijiet:

Joero Limited

Vs

Rosaria Farrugia et

Onor Imħallef Dott. G. Camilleri

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta, 16 ta'Ottubru 2007 bil-prezz ta' €114,372.23 (Lm49,100) favur Joero Limited rigward il-fond hawn taħt imsemmi u li kien jappartjeni lil Joero Limited (39/40), Rosaria Farrugia u Doris Farrugia (1/40) imsemmija fl-istess atti u cioè:-

Garaxx bil-ġnien miegħu bin-numru sitta u għoxrin (26) ġa numru tlieta (3), u drabi oħra indikat bħala numru tnejn ittra Ċ (2C) fi Triq Tabrija, is-Siġġiewi, inkluża l-arja tiegħu stmat li jiswa €228,278.59 (Lm98,000).

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Carmelo Ellul (KI 669559M) kisser il-kwindena u offra €117,866.29 (Lm50,600) għall-fond hawn fuq imsemmi.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-propjetà hawn fuq imsemmi l-jum tal-Ħamis, 28 ta' Frar 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 21 ta' Novembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Ghar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

It is hereby notified that by a Decree of the 15th February 2008, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction number 52/07 in the names:

Joero Limited

Vs

Rosaria Farrugia et

Honourable Mr Justice Dr G. Camilleri

The Court,

Following the adjudication of Thursday 16th October 2007 in favour of Joero Limited for the price of €114,372.23 (Lm49,100) for the hereunder mentioned tenement belonging to Joero Limited (39/40), Rosaria Farrugia and Doris Farrugia (1/40) mentioned in the same Judicial Acts namely:-

Garage with garden numbered twenty six (26) formerly number three (3), and other times indicated as number 2 letter C (2C) in Tabrija Street, Siggiewi, including its airspace valued at €228,278.59 (Lm98,000).

Whereas Carmelo Ellul (ID 669559M) interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of €117,866.29 (Lm50,600) for the mentioned property.

The Court therefore decrees and appoints Thursday, 28th February 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Today the 21st November, 2007.

ALAN K.ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

281

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-15 ta' Novembru 2006, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-11 ta' Frar, 2008 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 6 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2005 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond 'Emily' bin-numru disgħa (9) ġewwa Triq l-Immakulata Konċezzjoni, il-Ħamrun, sovvrapost għal garaxx ta' terzi, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €2.91 (Lm1.25), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa €145,119.96 (Lm62,300).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alexander Anthony Whiteford (ID 44501L).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ b'alma gie deskritt mill-AIC David Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-7 ta' Awissu, 2006.

N.B. Il-proprjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 15th November 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 11th February, 2008 on the application of HSBC Bank Malta Plc, Thursday 6th March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 9th November, 2005 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement 'Emily' numbered nine (9) in Immaculate Conception Street, Ħamrun, overlying a garage belonging to a third party, subject to an annual and perpetual ground rent of €2.91 (Lm1.25), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued at €145,119.96 (Lm62,300).

The said tenement is the property of Alexander Anthony Whiteford (ID 44501L).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC David Pace on 7th August, 2006.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 15th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

282

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Jannar 2008 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffisat il-jum tal-Ħamis 24 ta' April 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Frar 2003 li għandu jsir fil- kuridur ta' dawn il-Qrati tal- fondi hawn taħt deskritt

1. Il-maħżen bin-numru 35, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa €158,397 (Lm68,000).

2. Il-maħżen bin-numru 36, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa €182,273 (Lm78,250).

3. L-entratura bin-numru 37, bit-taraġ għall-ewwel sular u l-akkomodazzjoni li minnha tista' tintlaħaq inklużi t-terrazzin li huma żviluppabbli, sitwat fi Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa €512,462 (Lm220,000).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 18th January 2008 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Thursday 24th April 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th February 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

1. Warehouse number 35, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at €158,397 (Lm68,000).

2. Warehouse number 36, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at €182,273 (Lm78,250).

3. Entrance number 37, including the staircase leading to the first floor and the property from which the overlying developments are reached, in Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at €512,462 (Lm220,000).

4. Il-maħżen bin-numru 38, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa €242,255 (Lm104,000).

5. L-utili dominju għaż-żmien li fadal minn dak ta' 150 sena li beda jiddekorri mit-18 ta' Novembru 1953, tal-maħżen bin-numru 39/40, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa €377,358 (Lm162,000).

6. L-utili dominju għaż-żmien li fadal minn dak ta' 150 sena li beda jiddekorri mit-18 ta' Novembru 1953, tal-maħżen bin-numru 41, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa €435,593 (Lm187,000).

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil John Abela (1833) & Sons Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Joseph M. Jaccarini fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-15 ta' Mejju 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Frar 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Warehouse number 38, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at €242,255 (Lm104,000).

5. The utile dominium for the remaining period from 150 years commencing on the 18th November 1953 of warehouse 39/40, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at €377,358 (Lm162,000).

6. The utile dominium for the remaining period from 150 years commencing on the 18th November 1953 of warehouse 41, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at €435,593 (Lm187,000).

The said properties belong to John Abela (1833) & Sons Limited.

N.B The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Joseph M. Jaccarini A&CE on the 15th May 2003.

Registry of the Superior Courts, this 13th February 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

283

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-21 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 29 ta' April, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Lulju, 2006 u għandu jsir fil-kuriduri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Fond bin-numru wieħed u għoxrin (21) bl-isem 'Razzett San Pawl', Triq is-Sebħ, Madliena limiti tal-Għargħur flimkien mal-garaxxijiet tiegħu aċċessibbli minn drive-in li tagħti għall-istess triq kif ukoll il-ġnien li jiċċirkondaha, stmat li jiswa €419,287 (Lm180,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alexander (KI 725250M) u Johanna (KI 723152M) konjuġi Zammit.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Guido Vella fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-11 ta' Ottubru, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 21st November, 2007 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Tuesday, 29th April, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION that was ordered by a decree given on 25th July, 2006 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement numbered twenty one (21) named 'Razzett San Pawl', Sunrise Street, Madliena limits of Għargħur with its garages accessible from a drive-in on the same street and also with its surrounding garden, valued at €419,287 (Lm180,000).

The said tenement is the property of Alexander (ID 725250M) and Johanna (ID 723152M) spouses Zammit.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Guido Vella on 11th October 2006.

Registry of the Superior Courts, this 13th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

284

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-18 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' Dott. Victor E. Ragonesi ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 6 ta' Mejju, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ B' LIĊITAZZJONI li għandu jsir fil-kuriduri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond appartament bin-numru 12, bl-isem 'My Rest Court', Triq Desguanez, San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa €69,881 (Lm30,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Fiona Gerarde Micallef (KI 12347A) u Raymond Carmel Micallef (KI 506182M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-7 ta' April, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Frar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 18th January, 2008 on the application of Dr Victor E. Ragonesi, Tuesday, 6th May, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY LICITATION to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement apartment numbered 12, named 'My Rest Court', Desguanez Street, St. Paul's Bay, valued at €69,881 (Lm30,000).

The said tenement is the property of Fiona Gerarde Micallef (ID 12347A) and Raymond Carmel Micallef (ID 506182M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Mario Cassar on 7th April 2006.

Registry of the Superior Courts, this 13th February, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

285

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Mejju 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 230/07 FS, fl-ismijiet Xuereb John et vs Abdilla Oliver et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet John Xuereb u martu Tina Maria Xuereb (Detenturi tal-karta ta' l-identità numru 64957M u Passaport Inġliż numru 039515899 rispettivament) fl-1 ta' Marzu 2007, ir-rikorrenti John u Tina Maria konjugi Xuereb, umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1.Tiddikjara illi l-prezz imħallas mill-atturi rikorrenti lill-konvenuti intimati għax-xogħlijiet imwettqa minnhom, jew min persuni fuq inkarigu tagħhom kien wieħed esaġerat u eċċessiv.

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, dik il-parti mill-prezz li l-konvenuti intimati għandhom jirrifondu lill-atturi rikorrenti, stante illi tħallsu indebitament.

3. Tikkundanna lil-konvenuti intimati jħallsu u jirrifondu lill-atturi rikorrenti dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 29th May 2007, in the records of the Sworn Application number 230/07 FS, in the names Xuereb John et vs Abdilla Oliver et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names John Xuereb and his wife Tina Maria Xuereb (Holders of Identity card number 64957M and English Passport number 039515899 respectively) on the 1st March 2007, the applicants John and Tina Maria spouses Xuereb, humbly prayed this Honourable Court:

1.To declare that the price paid by the applicant plaintiffs to the respondent defendants for the works carried out by them, or persons engaged by them was exagerated and excessive.

2. To liquidate, if necessary by the appointment of referees, that part of the price that the respondent defendants, have to refund to the plaintiff applicants, since they were unduly paid.

3. Condemn the respondent defendants to pay and refund the applicant plaintiffs, that sum that shall be liquidated by this Honourable Court.

Bl-ispejjeż …omissis... u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika: 1) Oliver Abdilla
Fairhaven, 137,
Triq il-Mediterran, Pembroke.

2) Marie Abdilla
Fairhaven, 137,
Triq il-Mediterran, Pembroke.

Ir-Rikors Numru 230/2007 FS, fl-ismijiet Xuereb John et vs Abdilla Oliver et, jinsab differit għan-notifika, għall-5 ta' Marzu 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 18 ta' Frar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs …omissis… and legal interest against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify:1) Oliver Abdilla
Fairhaven, 137,
Mediterranean Street, Pembroke,

2) Marie Abdilla
Fairhaven 137,
Mediterranean Street, Pembroke.

The Application Number 230/2007 FS, in the names Xuereb John et vs Abdilla Oliver et, has been put off for service to the 5th March 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 18th February 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

286

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-22 ta' Jannar 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Seca Electroplating Limited (C32796) ta' Unit 1110, KBIC, Kordin Industrial Estate, Paola, ippreżentaw Talba fit-2 ta' Mejju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mediterranean Broadcasting Equipment Limited (C-23047) ta' F8, Bologna Centre, Mosta Technopark, Mosta, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,488.54 (Lm1,068.33) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (396/07PBC) hija differita għas-26 ta' Frar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 18 ta' Frar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 22nd January 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Seca Electroplanting Limited (C32796) of Unit 1110, KBIC, Kordin Industrial Estate, Paola, filed a Claim on the 2nd May 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Mediterranean Broadcasting Equipment Limited (C23047) of F8, Bologna Centre, Mosta Technopark, Mosta, to pay the plaintiff company the sum of €2,488.54 (Lm1,068.33) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 396/07PBC) is put off on the 26th February 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 18th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*